MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Rikors Numru. 10/2006

**Gama Said KARFUS**[1]

**vs**

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA u l-Avukat Ġenerali**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fil-21 ta' Frar, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li jiġi deċiż li t-tqegħid fuqu ta' xi kundizzjonijiet li bihom seta' jingħata l-liberta' provviżorja kien jikser il-jeddijiet fondamentali tiegħu taħt l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll tal-jeddijiet tiegħu taħt l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif sanċita fil-

[1] Il-Qorti tirrileva li mill-kopji tal-atti relativi quddiem il-Qrati ta' Ġudikatura Kriminali, isem ir-rikorrent huwa indikat bħala Juma Said Karfoosh

Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni");

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Frar, 2006, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għat-28 ta' Frar, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-6 ta' Marzu, 2006, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, preliminarjament, qalu li l-azzjoni ma tressqitx f'waqtha, billi r-rikorrent naqas li juża r-rimedji ordinarji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu b'appell mid-degriet tal-Qorti Kriminali. Fil-mertu, qalu li l-kundizzjonijiet magħmulin mill-Qorti Kriminali għall-għoti ta' liberta' provviżorja jaqgħu taħt dak li tippreskrivi kemm il-Konvenzjoni nnifisha fl-artikolu 5(1)(b) u (ċ) tagħha, u kif ukoll fl-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni. Iżidu jgħidu li la l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u lanqas l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma għandhom x'jaqsmu mal-każ. U, fl-aħħarnett, jgħidu li l-kwestjoni tal-assi tal-persuna li tingħata l-kundizzjonijiet għal-liberta' provviżorja tagħha "tagħmel sens" biss fejn il-persuna milquta tkun ċittadin Malti, u mhux – bħal fil-każ tar-rikorrent – meta dik il-persuna tkun barranija u l-garanzija personali tiġi bla ebda siwi jekk dik il-persuna kellha titlaq minn Malta waqt li l-proċeduri kontriha jkunu għadhom għaddejjin;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta' Marzu, 2006[2], li bih l-intimati ma baqgħux jinsistu aktar dwar l-eċċezzjoni preliminari tagħhom, u wkoll fejn il-partijiet qablu li ma kellhomx għalfejn jitressqu provi dwar il-kronoloġija tal-fatti li ġraw f'dan il-każ, u li dwarha kien hemm qbil bejniethom;

Semgħet ix-xhud imressqa mir-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

---

[2] Paġ. 12 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent qiegħed jgħid li, wara li kien ilu żmien twil jitlob li jingħata l-ħelsien mill-arrest sakemm ikunu għaddejjin proċeduri kriminali kontrih (flimkien ma' oħrajn), fl-aħħar it-talba tiegħu ntlaqgħet. Iżda tqegħdu fuqu kundizzjonijiet – partikolarment dik fejn intalab jiddepożita somma flus – li ġabuh f'qagħda fejn ma setax igawdi minn dak il-ħelsien, għaliex ma kellux mnejn jagħmel l-imsemmi depożitu. Qiegħed jgħid li, b'hekk, l-għoti tal-ħelsien mill-arrest tiegħu huwa wieħed fid-dieher biss għaliex, in effetti, huwa għadu sal-lum miżmum taħt arrest fil-faċilita' korrettiva. Jgħid li, minħabba f'hekk, qiegħed iseħħ ksur tal-jeddijiet tiegħu li jkun imħares minn arrest jew detenzjoni arbitrarja u kif ukoll tal-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti;

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu li l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest li saru dwar ir-rikorrent iħarsu d-dispożizzjonijiet tal-liġi u kif ukoll jilħqu l-għanijiet li għalihom il-liġi tipprevedi t-tqegħid ta' kundizzjonijiet biex il-ħelsien mill-arrest ma jkunx okkażjoni li sservi biex il-persuna meħlusa tonqos li tidher fil-proċeduri kriminali li jkunu għaddejjin kontriha;

Illi l-<u>fatti ewlenin li wasslu għall-każ</u> juru li f'Novembru tal-2002, ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali flimkien ma' għadd ta' persuni oħrajn. Hu ġie mixli b'offiżi li għandhom x'jaqsmu mad-dħul ta' droga f'Malta. Dawn il-proċeduri għadhom għaddejjin. Matul dan iż-żmien, il-persuni kollha li magħhom tressaq ir-rikorrent inħelsu mill-arrest. Ir-rikorrent għadu miżmum. Minn fost il-persuni kollha mressqa b'arrest fuq il-każ, ir-rikorrenti waħdu huwa barrani. Wara li kien ilu jressaq talbiet biex jingħata l-ħelsien mill-arrest, fis-7 ta' Jannar, 2005[3], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja laqgħet it-talba tiegħu u għamlitlu xi kundizzjonijiet, fosthom dik li jressaq

[3] Paġġ. 30-2 tal-proċess

garanzija personali fis-somma ta' ħmistax-il elf lira Maltija (Lm 15,000) u li ma joħroġx mid-dar;

Illi l-intimat Avukat Ġenerali kien ressaq appell mill-imsemmi degriet għal quddiem il-Qorti Kriminali fit-12 ta' Jannar, 2005. B'degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2005[4], il-Qorti Kriminali ikkonfermat id-degriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest, imma żiedet kundizzjoni li r-rikorrent jew kellu jqiegħed depożitu ta' ħamest elef lira Maltija (Lm 5,000) jew inkella jġib pleġġ xieraq f'dak l-ammont. Ir-rikorrent baqa' ma wettaqx id-depożitu u lanqas ressaq pleġġ tajjeb u għalhekk baqa' miżmum arrestat, imma baqa' jressaq rikorsi kull tant żmien biex il-Qorti tqis bdil fil-kundizzjonijiet imposti. L-ebda wieħed mir-rikorsi ma ntlaqa'[5]. Ir-rikorrent fetaħ din il-kawża fil-21 ta' Frar, 2006;

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-każ billi tiċċara li r-rikorrent m'huwiex qiegħed jgħid li d-degriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Jannar, 2005, sar b'mod arbitrarju jew minn Qorti li ma kellhiex is-setgħa li tagħtih. Lanqas ma qiegħed jgħid li xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi li tirregola l-għoti tal-ħelsien mill-arrest tmur kontra l-Kostituzzjoni jew kontra l-Konvenzjoni. L-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tiegħu huwa fis-sens li t-tqegħid ta' kundizzjonijiet li huwa mhux f'qagħda li jwettaq iġiblu fix-xejn il-jedd tiegħu li jinħeles mill-arrest u jħallilu jedd biss tejoretiku u mhux effettiv. Għalhekk iqis li, sa dawk il-limiti li d-degriet impona dik il-kondizzjoni li huwa ma jistax iwettaq, l-istess degriet huwa wieħed li jiksirlu l-jeddijiet fondamentali tiegħu;

Illi l-liġi nnifisha tipprospetta l-jedd ta' kull imputat jew akkużat li jingħata l-ħelsien mill-arrest, fuq talba tiegħu meta jagħti garanzija tajba li jidher għal kull att tal-proċess, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Qorti jkun jidhrilha xierqa li timponi[6], fosthom l-għoti ta' garanzija[7]. L-ammont tal-garanzija għandu dejjem ikun fil-limiti stabiliti mil-liġi[8], skond il-kundizzjonijiet tal-imputat, ix-xorta u l-kwalita' tar-

---

[4] Paġ. 34 tal-proċess
[5] Ara Nota konġuntiva f'paġ. 15 tal-proċess
[6] Art. 574(1) tal-Kap 9
[7] Art. 574A(7) tal-Kap 9
[8] Art. 584 tal-Kap 9

reat, u ż-żmien tal-piena li għaliha r-reat ikun suġġett[9]. Il-garanzija ssir jew billi jinġieb pleġġ tajjeb li jintrabat bil-miktub li jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni tal-akkużat jew imputat li jkun[10], jew billi jsir depożitu tas-somma tal-garanzija jew it-tressiq ta' rahan li jiswa daqs is-somma, jew ukoll bl-obbligazzjoni personali waħedha tal-imputat[11]. Il-liġi taħseb ukoll għall-każ fejn imputati mixlija b'reat li jaqbżu l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jistgħu jingħataw il-ħelsien mill-arrest mingħajr garanzija jekk kemm-il darba ma jkunx hemm oppożizzjoni mill-Avukat Ġenerali għal talba f'dan is-sens u fejn l-istess imputati huma fqar u nies ta' morali tajba[12];

Illi l-qofol kollu tal-ħelsien mill-arrest huwa dak li jħares il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-persuna mixlija[13] u fl-istess waqt jagħmel tajjeb għall-possibilita' li l-każ kontra l-persuna miżmuma jieħu ż-żmien xieraq tiegħu mingħajr ma jxekkel aktar minn kemm meħtieġ il-jedd tal-istess persuna għal-liberta' tagħha. F'dan ir-rigward, għalhekk, l-għan tal-ħelsien mill-arrest ikun prinċipalment dak li jiżgura li l-persuna meħlusa ma tonqosx li tidher fil-każ tagħha kull meta tissejjaħ għal dan. Għalhekk, Qorti għandha tagħti l-ħelsien mill-arrest biss fejn tkun soddisfatta li l-preżenza tal-persuna mixlija fil-proċeduri kontra tagħha tkun garantita[14];

Illi għalhekk, il-garanzija li l-Qorti tordna bħala kundizzjoni biex jingħata l-ħelsien mill-arrest m'għandhiex isservi bħala xi għamla ta' kumpens għad-dannu mwettaq bir-reat[15]. Fuq kollox, l-ammont tal-garanzija għandu jkun raġonevoli, fis-sens li għandha sservi sewwa – imma mhux aktar milli meħtieġ – biex tiżgura li l-persuna mixlija ma tonqosx milli tidher għall-kawża tagħha u ma titħajjarx li tgħib jew taħrab[16]. Għalhekk, fejn l-ammont tal-garanzija jisboq dan l-għan, jista' ikun hemm lok għall-ksur tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Konvenzjoni[17];

---

[9] Art. 576 tal-Kap 9
[10] Art. 577(1) tal-Kap 9
[11] Art. 577(2) tal-Kap 9
[12] Art. 577(4) tal-Kap 9
[13] Art. 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(2) tal-Konvenzjoni
[14] Kost. **4.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Ellul vs Avukat Ġenerali***
[15] ECHR **27.6.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Neumeister vs Austria*** (Applik. Nru. / ) par 13-4
[16] Jacobs The European Convention on Human Rights, paġ. 71
[17] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 143

Illi l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jistabilixxi r-regola fundamentali li ħadd m'għandu jiġi mċaħħad mil-liberta' personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet hemm imsemmija. L-istess artikolu jistabilixxi wkoll[18] li meta persuna tinżamm jew tiġi arrestata bil-ħsieb li titressaq quddiem Qorti jew għaliex ikun maħsub li wettqet jew sejra twettaq reat kriminali, għandha tinġieb quddiem il-Qorti fi żmien ta' mhux aktar minn tmienja u erbgħin (48) siegħa, u jekk il-każ tagħha ma jinstemax fi żmien raġonevoli, dik il-persuna għandha tinħeles bla kundizzjoni jew taħt dawk il-kundizzjonijiet raġonevoli li jiżguraw li hija tidher aktar tard fil-kawża. B'xebh ma' dan l-artikolu, hemm l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni li jafferma d-dritt għal-liberta' u għas-sigurta' tal-persuna[19], liema jedd huwa suġġett għall-eċċezzjonijiet hemm imsemmija, fosthom iż-żamma u l-arrest biex persuna titressaq quddiem awtorita' legali kompetenti[20]. Iżda, f'każ bħal dan, persuna bħal dik għandha tinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex tiġi proċessata fi żmien raġonevoli jew li tinħeles mill-arrest sakemm għadu jinstema' l-każ tagħha, liema ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanzija biex tidher għall-każ[21];

Illi hawn ta' min jgħid li l-obbligu li l-imputat jitressaq u jiġi proċessat fi żmien raġonevoli mhuwiex għażla minflok jingħata l-ħelsien mill-arrest. Dan għaliex il-ħelsien mill-arrest huwa obbligu li xorta waħda jrid jitqies jekk kemm-il darba jinġiebu garanziji biżżejjed li bihom tonqos il-biżgħa li l-imputat ma jaħrabx;

Illi ta' min jgħid iżda li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jistgħu jitqanqlu biss fil-qafas ta' arrest li għalihom japplika l-artikolu 5(1)(ċ) u mhux wieħed li għalih japplika l-artikolu 5(1)(b)[22], u dan billi wieħed għandu

---

18 Art. 34(3)
19 Art. 5(1)
20 Art. 5(1)(ċ)
21 Art. 5(3)
22 App. Kost. **26.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs L-Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol:**LXXVII.i.95**)

jagħmel distinzjoni bejn arrest preventiv u "privazzjoni tal-liberta' personali in segwitu għal kundanna minn Qorti"[23];

Illi huwa meħtieġ li wieħed jiftakar li kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni jagħmlu distinzjoni netta bejn l-oriġni tad-detenzjoni ta' persuna. Huwa minħabba f'hekk li jrid jingħad li s-setgħa ta' din il-Qorti li tqis iċ-ċirkostanzi tal-għoti, ċ-ċaħda jew ir-revoka tal-liberta' proviżorja hija waħda limitata fis-sens li m'għandhiex tindaħal f'dawk l-aspetti li bir-rieda espressa tal-liġi jaqgħu fis-setgħa mħollija f'idejn qrati oħrajn. B'hekk jiġi li l-kompetenza ta' Qorti Ċivili fil-vesti kostituzzjonali tagħha hija limitata li tiżgura li d-dritt fondamentali tal-akkużat għall-ħelsien mill-arrest preventiv (sakemm għadhom għaddejjin proċeduri kriminali kontrih) ikun imħares u miżmum fil-limiti stabiliti mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni. Dan isir billi jiġi assikurat li Qorti kompetenti li tqis talba għall-ħelsien mill-arrest preventiv (kemm sakemm jew jekk tilqa' tali talba, kemm jekk tiċħadha) tkun għamlet dan b'applikazzjoni u rispett sħiħ tal-garanziji kostituzzjonali jew konvenzjonali. U din il-Qorti m'għandhiex tindaħal aktar fl-operat ta' Qorti bħal dik sakemm ma jkunx jidher "eċċess manifest fl-applikazzjoni" tagħha ta' dawk il-prinċipji jew kriterji kostituzzjonali jew konvenzjonali. B'mod partikolari, ir-raġonevolezza tal-ammont tal-garanzija li jkun determinat minn dik il-Qorti li tkun tat l-ordni għall-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet fih stipulati m'għandhiex bħala regola tiġi mistħarrġa u sindakata minn Qorti ta' kompetenza ċivili jew "kostituzzjonali". "Tista' eċċezzjonalment tkun minnha sindakabbli jekk jirriżulta li l-*quantum* hu manifestament irraġonevoli u irraġġunġibbli b'mod li d-dritt tal-akkużat li jitlob il-ħelsien proviżorju jkun ġie għal kollox newtralizżat fil-prattika, jekk mhux fit-tejorija"[24];

Illi huwa stabilit li meta Qorti tiġi biex tqis jekk għandhiex teħles persuna mill-arrest, hija għandha tħares lejn dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jwasslu biex jiġi ffissat l-ammont xieraq tal-garanzija li dik il-persuna trid tagħti biex tkun tista' tinħeles. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi bħala waħda

[23] App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Direttur tal-Ħabs et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.119**)
[24] App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.140**)

mill-kriterji "il-kundizzjoni tal-imputat", mhijiex qegħda tfisser biss il-qagħda finanzjarja tiegħu. Jeħtieġ, għalhekk, li Qorti tqis kemm kriterji oġġettivi (marbuta max-xorta u l-għamla tar-reat u l-piena tiegħu) u kif ukoll dawk suġġettivi li jintrabtu mal-kundizzjoni tal-imputat (magħduda magħha, per eżempju, l-qagħda soċjali tiegħu, id-dipendenza tiegħu fuq ħaddieħor, u x-xogħol tiegħu jekk ikun il-każ)[25]. Minbarra dan, tqies ukoll li meta l-Qorti tiffissa garanziji f'somom ta' flus, hija trid tħares lejn il-meżżi finanzjarji tal-imputat u kif ukoll ta' dawk il-persuni li qegħdin joffru li jgħinuh billi jidħlu garanti, b'mod li eqreb ma jkunu dawk il-persuni mal-imputat, aktar tkun tiswa l-garanzija billi l-imputat iħossu aktar obbligat li jħares il-kundizzjonijiet tal-ħelsien tiegħu mill-arrest[26];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, huwa tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-fatt li l-Qrati ta' kompetenza kriminali, għal darba darbtejn, qiesu li r-rikorrent kien jistħoqqlu jingħata l-ħelsien mill-arrest. Id-degriet tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja huwa motivat b'reqqa u jikkonsidra bosta mill-aspetti li dwarhom ġudikant jista' jitħasseb jekk ikunx għaqli li jakkorda l-ħelsien mill-arrest ta' persuna. Dan iġib miegħu l-effett li l-kriterji magħrufa li taħthom Qorti għandha tqis jekk tagħtix jew le l-imsemmi ħelsien kienu diġa' ġew mistħarrġa u kull ostaklu dwarhom ingħeleb. Fi kliem ieħor, din il-Qorti qegħda tifhem li l-Qorti kompetenti kienet sabet raġunijiet tajbin biżżejjed biex temmen li, bil-kundizzjonijiet imposti, r-rikorrent ma kienx aktar ta' perikolu dwar xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali;

Illi tqis li fi kwestjoni ta' ħelsien mill-arrest, il-prinċipju tal-liberta' tal-persuna huwa r-regola u li l-arrest jew iż-żamma tagħha għandu jitqies bħala eċċezzjoni[27]. Il-preżunzjoni hija favur il-liberta' tal-persuna u r-rikorrent ma għandu għalfejn jipprova xejn aktar mill-fatt li huwa għadu miżmum taħt arrest u li huwa mċaħħad mill-ħelsien

---

[25] Kost **10.7.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.127**)

[26] P.A. Kost. GC **1.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Pollacco vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (mhix pubblikata)

[27] App. Kost. **15.2.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo et vs Aġent Reġistratur tal-Qorti et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.84)**

minn dak l-arrest. Huwa l-intimat li għandu l-piż tal-prova li jikkonvinċi lill-Qorti li jirrikorru l-estremi li jiġġustifikaw li ma tingħatax il-liberta' provviżorja[28]. Minbarra dan, fi żminijiet mill-aktar qrib, ingħatat mill-ogħla Qorti tagħna dimensjoni u tifsira aġġornata għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar il-liberta' proviżorja. Dan fis-sens li jrid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li, f'kull waqt li persuna akkużata b'reat tinżamm arrestata, flimkien mar-raġonevolezza tas-suspett li dik il-persuna wettqet tali reat, irid jintwera wkoll li hemm raġunijiet ta' interess pubbliku rilevanti u sufficjenti biżżejjed biex jiġġustifikaw iżjed indħil fid-dritt tal-ħelsien personali ta' dik il-persuna[29];

Illi fit-trattazzjoni tal-każ ir-rikorrent seħaq li l-każ tiegħu jixxiebah sewwa mal-każ ta' **Pollacco[30].** F'dak il-każ kienet qamet ukoll il-kwestjoni dwar jekk il-kundizzjoni li l-imputat jiddepożita kinitx kundizzjoni li ġabet fix-xejn l-għoti favurih tal-ħelsien mill-arrest u għalhekk il-ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu. Dak il-każ kien inqata' favorevolment favur ir-rikorrent imputat, u s-sentenza kienet ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede Kostituzzjonali tagħha. Min-naħa tagħha, dik is-sentenza kienet straħet fuq it-tagħlim tal-każ **Mifsud et[31]**, li, madankollu, kien inqata' kontra r-rikorrenti imputati. Il-każ ta' Mifsud et. , madankollu, kien aġġornat f'Pollacco billi l-Qorti Kostituzzjonali kienet stabiliet li kien **dmir tal-Qorti** li tkun qegħda tqis talba għall-għoti tal-liberta' provviżorja li tistħarreġ il-mezzi tal-imputat, u mhux toqgħod biss fuq dak li jgħid l-imputat. F'dan ir-rigward, l-iżvilupp kien fis-sens li l-ħelsien mill-arrest huwa prezzjuż wisq biex jiġi miċħud leġġerment bla debita riflessjoni jew sforz xieraq. It-tieni żvilupp fl-imsemmi każ kien jekk kienx kompitu tal-Qorti "kostituzzjonali" jew kienx fis-setgħa waħdanija tal-Qorti ta' indoli kriminali li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tal-liberta' provviżorja. Dik

[28] P.A. Kost GV **14.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Avukat Ġenerali et*** (mhix pubblikata)
[29] App. Kost. **22.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.392**)
[30] App. Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Pollacco vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (mhux pubblikata)
[31] Kollez. Vol: **LXXIV.i.127**

is-sentenza – ukoll minħabba ċirkostanza partikolari fejn il-Qorti Kriminali irrifjutat li timplimenta d-deċiżjoni tal-Prim'Awla fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha – qatgħetha li dik il-funzjoni kienet taqa' wkoll fis-setgħa ta' Qorti f'sede kostituzzjonali;

Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, intwera b'mod ċar li r-rikorrent m'għandux mezzi finanzjarji disponibbli għalih[32], u lanqas huwa benefiċjarju ta' xi għajnuna soċjali f'Malta[33] . Jirriżulta wkoll li lanqas għandu dar fejn jgħix, imma (quddiem il-Qorti tal-Maġistrati) tressaq xhud li qal li kien lest jilqgħu f'dar immexxija minn entita' għal min m'għandux saqaf fuq rasu ukoll jekk huwa barrani. Irriżulta wkoll li, kemm ilu miżmum fil-ħabs, persuna żżuru regolarment u tgħaddilu wkoll flus biex ikollu x'jonfoq. B'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti kienet tasal biex issib, allura, li l-obbligazzjoni tad-depożitu kien kundizzjoni li effettivament iċċaħħad lir-rikorrent mill-jedd għall-ħelsien mill-arrest. Kienet ukoll tikkunsidra serjament li dik il-kundizzjoni kienet leżiva tal-jedd tiegħu għal-liberta';

Illi matul is-smigħ tal-kawża, ir-rikorrent seħaq fuq il-fatt li l-Qorti Kriminali, fid-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2005, imponiet kundizzjoni ġdida tad-depożitu ta' somma b'żieda mal-għoti tal-garanzija li kienet imponiet, fost kundizzjonijiet oħrajn, il-Qorti tal-Maġistrati. Fuq il-bażi ta' din il-kundizzjoni, ir-rikorrent jibni l-każ kollu tiegħu. F'kull waqt tal-kawża u mill-atti kollha sa dak inhar li l-kawża tħalliet għas-sentenza, il-każ tar-rikorrent inbena bħallikieku dik il-kundizzjoni miżjuda kienet l-unika waħda. Imma dan ma kienx il-każ. Meta din il-Qorti kienet qegħda tara l-provi u, b'mod partikolari hija u tifli l-imsemmi degriet impunjat[34], intebhet li, fis-sewwa, għalkemm huwa minnu li l-Qorti Kriminali imponiet l-obbligu tad-depożitu, dan l-obbligu kien fakultativ, fis-sens li r-rikorrent seta' wkoll (u d-degriet din il-ħaġa jagħmilha ċara) **jagħżel** li, minflok id-depożitu, jsib pleġġ xieraq. Dawn il-kundizzjonijiet kienu alternativi u mhux kumulativi. Minbarra dan, dawn il-

[32] Ara x-xhieda f'paġġ. 18-21 u 27 tal-proċess
[33] Ara x-xhieda ta' Charles Muscat 28.3.2006, f'paġ. 22 tal-proċess
[34] Dan id-dokument tressaq b'Nota fit-30 ta' Marzu, 2006, jiġifieri wara li l-kawża kienet ġiet trattata u mħollija għas-sentenza, imma kien ġie mħolli li jitressaq b'riserva waqt is-smigħ tat-28 ta' Marzu, 2006

kundizzjonijiet tqegħdu minflok l-obbligu tal-garanzija personali li kienet stabiliet il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt jibdel b'mod sostanzjali l-qagħda tar-rikorrent. Li kieku r-rikorrent għażel li jfittex pleġġ, ma kienx ikollu l-problema li jrid isib il-fondi biex jagħmel id-depożitu. Minbarra dan, iż-żieda ta' din l-għażla tibdel iċ-ċirkostanzi tal-każ tar-rikorrent minn dawk ġudizzjarji – il-każ ta' Pollacco li huwa dikjaratament ixebbah il-każ tiegħu miegħu – li din il-Qorti ntalbet tqis. Dan għaliex, f'dawk il-kawżi, il-kundizzjoni tad-depożitu kienet kundizzjoni obbligatorja (flimkien ma' kundizzjonijiet oħrajn), filwaqt li issa jirriżulta ċar li, fil-każ tal-ordni tal-ħelsien tar-rikorrent, il-kundizzjoni tad-depożitu hija waħda li jista' jagħżel li ma jsegwix. Naturalment, il-kundizzjoni l-oħra – jiġifieri li r-rikorrent iressaq pleġġ xieraq – fiha l-iebes tagħha wkoll, imma din il-kundizzjoni la tagħmilha projbittiva għar-rikorrent li jdur għaliha, la hija irraġonevoli u lanqas tidher li hija xi kundizzjoni impossibbli;

Illi l-Qorti tosserva, kemm hu hekk, li l-kundizzjoni kif inhi issa turi li, filwaqt li l-garanzija personali ordnata mill-Qorti tal-Maġistrati kienet dik fl-ammont ta' Lm 15,000, il-pleġġ xieraq ordnat minflok mill-Qorti Kriminali huwa fl-ammont ta' Lm 5,000. Għalkemm il-Qorti ma tistax tkun kategorika u speċifika f'dan ir-rigward, jirriżulta mill-atti[35] li fiż-żmien li r-rikorrent kien qiegħed jitlob il-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja, kienet telgħet tixhed persuna li qalet li kienet tieqaf mar-rikorrent ukoll b'għajnuna ta' flus u dan b'mod regolari. Din iċ-ċirkostanza tista' titqies ukoll bħala mod kif il-kundizzjoni tal-pleġġ xieraq titwettaq. Ta' min jgħid li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jridu li l-persuna li titlob il-ħelsien mill-arrest tingħata dan il-ħelsien b'kundizzjonijiet faċli għaliha jew skond il-kumdita' tagħha, għaliex l-aspett tad-deterrent (u jiġifieri tas-sagrifiċċju li l-imputat ibati jekk kemm-il darba jikser dawk il-kundizzjonijiet) huwa, kif rajna, l-aspett regolatur tal-istess għoti ta' ħelsien mill-arrest. Deterrent mingħajr xi forma ta' tbatija ma huwa deterrent xejn;

35 Ara paġ. 31 tal-proċess

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u tal-fatti li jirriżultaw, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li d-degriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-13 ta’ Jannar, 2005, jikser il-jeddijiet Kostituzzjonali jew konvenzjonali reklamati mir-rikorrent;

Illi, għalhekk ukoll isegwi li l-Qorti m’għandhiex għalfejn tqis it-tieni talba, u dan bla ebda ħsara għall-jedd tar-rikorrent li jirregola ruħu konformement mal-imsemmi degriet;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent** u tiddikjara li d-degriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-13 ta’ Jannar, 2005, ma jiksirx il-jeddijiet fondamentali tal-istess rikorrent kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, u dan billi l-kundizzjonijiet imposti għall-ħelsien mill-arrest ma jirriżultawx irraġonevoli jew abusivi;

**Tiċħad it-tieni talba** billi fiċ-ċirkostanzi ma hemm lok għal ebda rimedju ieħor jew direttiva li din il-Qorti jmissha tagħti;

**Bl-ispejjeż** għar-rikorrent.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------